**Emenda 10**
**Mick Wallace, Clare Daly, Marc Botenga, Manu Pineda, Özlem Demirel, Giorgos Georgiou**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 ((2023/2119(INI)))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-A. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar t-USD 2,2 triljun li jiksru kull rekord fl-infiq għad-difiża globali fl-2023, is-sovvenzjonijiet għall-kumpless militari-industrijali, u n-nuqqas ta' sforzi biex jinkisbu soluzzjonijiet diplomatiċi;*** |

Or. en

21.2.2024 A9-0403/11

**Emenda 11**
**Marc Botenga, Mick Wallace, Clare Daly, Manu Pineda, Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Giorgos Georgiou, Nikolaj Villumsen, Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-attakki terroristiċi ta' stmerrija mwettqa mill-grupp terroristiku Ħamas kontra Iżrael, inkluż it-teħid ta' ostaġġi, u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Istat ta' Iżrael u lill-poplu tiegħu; jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha li ttieħdu mill-grupp terroristiku Ħamas u li l-iġsma tal-ostaġġi mejta jingħataw lura; jenfasizza d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali. jappella għal aċċess umanitarju kontinwu, malajr, sikur u mingħajr xkiel u biex l-għajnuna tasal għand dawk fil-bżonn permezz tal-miżuri kollha meħtieġa inkluż kurituri u pawżi umanitarji għal ħtiġijiet umanitarji; jesprimi s-sogħba profonda tiegħu u solidarjetà sħiħa mal-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat, mal-familji tagħhom u mal-għeżież tagħhom; jappella biex dawk responsabbli għal atti terroristiċi u għall-ksur tad-dritt internazzjonali jinżammu responsabbli; | 3. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-attakki terroristiċi ta' stmerrija mwettqa mill-grupp terroristiku Ħamas kontra Iżrael, inkluż it-teħid ta' ostaġġi, u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Istat ta' Iżrael u lill-poplu tiegħu; jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha li ttieħdu mill-grupp terroristiku Ħamas u li l-iġsma tal-ostaġġi mejta jingħataw lura; jenfasizza d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali. jappella għal aċċess umanitarju kontinwu, malajr, sikur u mingħajr xkiel u biex l-għajnuna tasal għand dawk fil-bżonn permezz tal-miżuri kollha meħtieġa inkluż kurituri u pawżi umanitarji għal ħtiġijiet umanitarji; jesprimi s-sogħba profonda tiegħu u solidarjetà sħiħa mal-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat, mal-familji tagħhom u mal-għeżież tagħhom; jappella biex dawk responsabbli għal atti terroristiċi u għall-ksur tad-dritt internazzjonali jinżammu responsabbli; ***jikkundanna il-bumbardamenti indiskriminati ta' Gaża u l-attakki intenzjonati fuq ħaddiema tan-NU, ġurnalisti, tobba, artisti u ċivili;*** |

Or. en

21.2.2024 A9-0403/12

**Emenda 12**
**Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Nikolaj Villumsen, Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jikkundanna l-imblokk ta' Gaża minn Iżrael, li ma jippermettix liċ-ċivili jkollhom aċċess għall-ilma, l-ikel u l-medikazzjoni u qed jikkawża tbatija enormi fost il-popolazzjoni ċivili; iħeġġeġ it-tneħħija immedjata tiegħu;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

21.2.2024 A9-0403/13

**Emenda 13**
**Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Nikolaj Villumsen, Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jissottolinja li l-imblokk u l-bumbardament ta' Gaża u attakki oħra mill-forzi Iżraeljani fuq il-popolazzjonijiet ċivili huma kastigi kollettivi u attakki indiskriminati u sproporzjonati li jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

21.2.2024 A9-0403/14

**Emenda 14**
**Marc Botenga, Mick Wallace, Clare Daly, Manu Pineda, João Pimenta Lopes, Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Giorgos Georgiou, Nikolaj Villumsen, Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jisħaq li d-deċiżjoni interim maħruġa mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) – l-ogħla qorti tan-NU – tiddikjara li hemm evidenza plawżibbli biex Iżrael jiġi investigat għal ġenoċidju u jistieden lil Iżrael jieħu passi biex jipprevjeni dan il-ġenoċidju; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw lill-QIĠ u jitolbu b'insistenza li Iżrael jikkonforma immedjatament mal-ordnijiet legalment vinkolanti maħruġa mill-QIĠ;*** |

Or. en

21.2.2024 A9-0403/15

**Emenda 15**
**Marc Botenga, Mick Wallace, Clare Daly, Manu Pineda, Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Giorgos Georgiou**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3d. Jinnota li Iżrael huwa akkużat b'ġenoċidju u li l-QIĠ ordnat lil Iżrael jipprevjeni atti ta' ġenoċidju; jitlob, għalhekk, it-terminazzjoni immedjata tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael, peress li l-UE u l-Istati Membri tagħha ma jistgħux ikunu kompliċi fid-delitti tal-gwerra Iżraeljani f'Gaża;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

21.2.2024 A9-0403/16

**Emenda 16**
**Marc Botenga, Mick Wallace, Clare Daly, Manu Pineda, Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Giorgos Georgiou, Nikolaj Villumsen, Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3e. Jitlob lill-Istati Membri jwaqqfu minnufih l-esportazzjonijiet tal-armi lejn Iżrael bi qbil mal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK; iwissi li l-pajjiżi li jappoġġaw lil Iżrael bi vjeġġi tal-armi issa jistgħu jittellgħu quddiem il-QIĠ għall-għajnuna u l-assistenza tal-ġenoċidju kontra l-Palestinjani bi ksur tal-Artikolu 3e tal-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju, li jikkriminalizza l-kompliċità;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

21.2.2024 A9-0403/17

**Emenda 17**
**Marc Botenga, Mick Wallace, João Pimenta Lopes, Clare Daly, Manu Pineda, Manon Aubry, Leila Chaibi, Marina Mesure, Younous Omarjee, Özlem Demirel, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Giorgos Georgiou, Nikolaj Villumsen, Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3f. Jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gażа;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

21.2.2024 A9-0403/18

**Emenda 18**
**Marc Botenga, Mick Wallace, Clare Daly, Manu Pineda, Özlem Demirel, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Giorgos Georgiou**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jitlob lill-UE tvara inizjattiva diplomatika ambizzjuża biex tiżgura waqfien mill-ġlied immedjat fl-Ukrajna u ttemm il-gwerra;*** |

Or. en

21.2.2024 A9-0403/19

**Emenda 19**
**Marc Botenga, Mick Wallace, Clare Daly, Manu Pineda, Özlem Demirel, Giorgos Georgiou**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0403/2023**
**Sven Mikser**
L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Jappella għall-ħatra ta' Kummissarju tal-Unjoni tad-Difiża (DUC), fil-Kummissjoni li jmiss li jkun responsabbli għall-finalizzazzjoni ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża vera u l-kwistjonijiet kollha relatati mad-difiża, inkluża l-PSDK, wara diviżjoni ċara tal-kompiti mar-Rappreżentant Għoli u Viċi President; jemmen li, flimkien mal-Kumitat ta' Sigurtà u ta' Difiża stabbilit bis-sħiħ fil-Parlament, id-DUC għandu jissorvelja b'mod konġunt baġit apposta u sostanzjali*** tal-Unjoni ***tad-Difiża***; | 18. ***Ifakkar li, skont l-Artikolu 41.2 tat-TUE, l-ispiża li toriġina minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ma għandhomx jitħallsu mill-baġit*** tal-Unjoni; |

Or. en


Magħquda fid-diversità